MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-27 ta' April, 2005

Citazzjoni Numru. 1116/2002

**Manwel u Denise konjugi Piscopo.**

**-vs-**

**Mark Mifsud.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fl-4 ta’ Ottubru, 2002 li permezz taghha l-atturi ppremettew:

Illi fis-7 ta’ Awwissu 2001 waqt li l-attur kien isuq motorcycle Piaggio numru BBL929 fil-Gudja hu safa nvolut f’incident stradali mal-Landrover GVA015 misjuqa mill-konvenut.

Illi l-incident gara minhabba imprudenza, negligenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti da parti tal-konvenut.

Illi rizultat tal-incident l-istanti sofrew danni kbar konsistenti fi hsara fil-motorcycle u drib tal-attur li baqa permanentament dizabilitat u danni xorta ohra.

Illi l-konvenut injora s-sejha tal-istanti biex jigi ghall-accetazzjoni ta' responsabilita' ghall-incident imsemmi u likwidazzjoni u hlas tad-danni.

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex;

1. tiddikjarah responsabbli ghall-incident imsemmi u ghad-danni li b'rizultat tal-istess sofrew l-istanti u dana minhabba n-nuqqasijiet imsemmija tal-istess konvenut;

2. tillikwida d-danni kollha mgarrba mill-istanti occorrendo bl-opra ta' periti nominandi;

3. tikkundannah ihallas lill-istanti l-ammont dikjarat u likwidat bhala dovut mill-konvenut lill-istanti.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-14 ta' Awissu, 2002 (bi tliet notifiki) u bl-imghax skond il-ligi kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-Kmandant tal-Forzi Armati ghan-nom tal-konvenut pprezentata fit-23 ta' Jannar, 2003 li permezz taghha eccepixxa:

1. Illi l-incident tat-traffiku meritu ta' din ic-citazzjoni ma garax tort ta' Mark Mifsud, izda gara unikament tort u htija tas-sewwieq tal-'motorcycle' BBL 929 minhabba negligenza, imperizja, traskuragni u

innoservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parte ta' l-attur.

2. Illi stante li dan l-incident ma garax tort ta' l-eccipjent, l-ebda ammont ma huwa dovut lill-attur in linea ta' danni.

3. Salve eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa minn Rupert Montanaro, I.D. 210643(M) u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali nkluz ir-rapport ta' l-espert mediku.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-attur.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' Frar, 2005 li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta ta' llum wara li semghet lill-Avukat.

Ikkunsidrat.

Illi fir-rigward tar-responsabilita' ta' l-incident in kwistjoni ma hemmx wisq diffikolta'. L-incident gara fi Triq Hal Tarxien il-Gudja u l-attur kien gej mid-direzzjoni tal-Gudja u l-konvenut mid-direzzjoni opposta. Mill-iskizz a fol 11 tal-process jidher car li l-attur kien fuq in-naha tieghu tat-triq; il-konvenut ried jidhol go triq laterali u beda l-manuvra biex jaghmel dan. Meta kien ghadu fit-Triq Hal Tarxien dahal fil-karregjata okkupata mill-attur u ostakolah. Minhabba f'dan sehh l-incident. Ghalhekk ma kellu jkun hemm ebda kontestazzjoni li l-incident gara b'tort uniku tal-konvenut li kkalkola hazin il-manuvra tieghu biex jidhol fit-triq laterali. Fic-cirkostanzi kellu jistenna li jghaddi l-attur qabel ma ghamel il-manuvra tieghu. Il-konvenut ammetta fid-deposizzjoni tieghu li kien fuq in-naha l-ohra tat-triq *tikka zghira* (fi kliemu) izda l-iskizz jindika li l-posizzjoni tieghu kienet fuq in-naha hazina tat-triq aktar minn hekk.

Il-fatt kienx wieqaf jew le hu irrilevanti ghax anke jekk kien wieqaf kien qed jikkostitwixxi ostakolu ghall-attur li kellu kull dritt jistenna li ma jsib xejn quddiemu. *Oltre* dan kif

irrimarka l-attur fin-nota ta’ sottomissjonijiet tieghu, kien nuqqas gravi tal-konvenut li lanqas biss ra lill-attur qabel ma sehh l-impatt.

Stabbilita din il-kwistjoni, irid allura jigi deciz l-ammont ta’ danni li ghandhom jigu akkordati lill-attur in segwitu ghall-incident stradali imsemmi. Dan il-Qorti ser taghmlu fuq l-iskorta tad-diversi sentenzi li nghataw mill-Qrati taghna in segwita tas-sentenza Butler vs Heard fl-1967.

L-attur qed jirreklama kemm *damnum emergens* u kemm *lucrum cessans*. Fir-rigward ta’ l-ewwel, huwa esebixxa diversi dokumenti. A fol 46 indika li l-*motor cycle* tieghu kien dannegjat *beyond economic repair* u kien assikurat ghas-somma ta’ elf, mija u sebghin Liri Maltin (Lm1,170). Minhabba li l-hekk imsejjah *wreck* ghadu ghandu, il-Qorti ser tistmah elf Lira Maltin (Lm1,000) – bl-intiza li hu jzomm dak li baqa’ minnu. Skond id-dokument a fol 47 tilef granet tax-xoghol ekwivalenti ghal elf, sitt mija u tmienja u sebghin Liri Maltin (Lm1,678) bhala pagi. Nefaq ukoll mija u sebgha u tmenin Liri Maltin (Lm187) spejjes medici (fol 16). Ghalhekk b’kollox sofra elfejn, tmien mija u hamsa u sittin Liri Maltin (Lm2,865) bhala danni reali.

Naturalment hija dejjem il-kwistjoni tal-*lucrum cessans* li tipprezenta dejjem l-ikbar diffikoltajiet. L-incident sehh fl-2002 meta l-attur kellu tlieta u ghoxrin (23) sena u ghalhekk illum hu ghandu sitta u ghoxrin (26) sena. It-tabib kirurgu kuranti ta’ l-attur ikkalkola d-disabilita’ tieghu *in segwitu* ghall-incident ghal ghoxrin fil-mija (20%) fil-waqt li l-espert inkarigat mill-Qorti il-kirurgu Mr Sciberras ikkonkluda li din id-disabilita’ hija ta’ tmintax fil-mija (18%). F’ cirkostanzi simili l-Qorti tadotta l-istima tal-espert imqabbad minnha mhux ghaliex hija tiddistingwi bejn kirurgu u iehor izda ghal raguni strettament procedurali

billi ma jaghmilx sens li l-Qorti tinnomina espert u mbaghad ma toqghodx fuq il-fehma tieghu sakemm ma jkollha

xi raguni biex taghmel dan. F'dan il-kaz imbaghad id-differenza hija minima u dan jikkonferma li l-kirurgi in kwistjoni prattikament qablu ma' xulxin.

L-attur esebixxa diversi dokumenti tat-taxxa li jindikaw li huwa qala' sebat elef, erba' mija u sebgha u sebghin Liri Maltin (Lm7,477) fl-2001. Il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni ta' l-attur li s-somma li ghandha tigi likwidata ghandha tigi bbazata fuq medda ta' hamsa u tletin (35) sena minhabba l-eta' zghira tieghu izda fir-rigward tal-ammont ta' flus il-Qorti ser tadotta s-somma ta' tmint elef Liri Maltin (Lm8,000) biex tahseb ghall-possibiltajiet ta' zidiet fil-paga tieghu u telimina kull tnaqqis ghal taxxi u kontribuzzjonijiet fl-istess hin. Dan jammonta ghal hamsin elf u erba' mija Liri Maltin (Lm50,400) – il-Qorti minnha ser tnaqqas l-ghoxrin fil-mija (20%) bhala hlas f'daqqa u ghalhekk l-ammont hekk ridott jammonta ghal erbghin elf, tlett mija u ghoxrin Liri Maltin (Lm40,320).

Ghalhekk l-ammont kollu pagabbli lill-attur ghandu jkun tlieta u erbghin elf, mija u hamsa u tmenin Liri Maltin (Lm43,185).

**Ghaldaqstant il-Qorti tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tilqa' t-talbiet kollha tal-attur u tillikwida d-danni li sofra ghas-somma ta' tlieta u erbghin elf, mija u hamsa u tmenin Liri Maltin (Lm43,185) u tikkundanna ghalhekk lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma msemmija ta' tlieta u erbghin elf, mija u hamsa u tmenin Liri Maltin (Lm43,185) u imghaxijiet legali li jibdew jiddekorru mil-llum stess u bl-ispejjes kollha tal-kawza komprizi dawk indikati fic-citazzjoni jithallsu mill-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------